



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-30 ta' Novembru 2022

L-awdituri jappellaw għal viġilanza kontinwa fuq ir-riskji finanzjarji tas-sistema ta' riżoluzzjoni bankarja tal-UE

Fl-2021, kien hemm tnaqqis fir-riskji għas-sistema tal-UE għall-ġestjoni tal-istralċ ordnat ta' banek li jkunu qed ifallu fi ħdan l-Unjoni Bankarja. Iżda, f'rapport li ġie ppubblikat illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri twissi li din mhijiex raġuni biex l-UE tħalli l-viġilanza tagħha tillaxka.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha l-obbligu li tirrapporta kull sena dwar kwalunkwe riskju finanzjarju relatat mal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) li huwa s-sistema tal-UE għall-ġestjoni tal-istralċ ordnat ta' banek li jkunu qed ifallu fi ħdan l-Unjoni Bankarja. Għas-sena finanzjarja 2021, il-Kummissjoni u l-Kunsill ma rrapportaw l-ebda obbligazzjoni kontinġenti, filwaqt li l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) irrapporta xi wħud relatati ma' litigazzjoni pendenti dwar il-kontribuzzjonijiet tal-banek għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF), li huwa fond li jista' jintuża biex jappoġġa r-riżoluzzjonijiet bankarji. L-awdituri jqisu li dawn id-divulgazzjonijiet huma xierqa, iżda jirrakkomandaw titjib fil-monitoraġġ tar-riskju finanzjarju u fil-metodu għall-kalkolu tar-rimborżi possibbli tal-ispejjeż legali.

"Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja issa ħarġet sentenza dwar ħames kawżi legali ewlenin li jikkontestaw l-ewwel deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-SRB – dik ta' Banco Popular Español," qal Rimantas Šadžius, li mexxa l-awditu matul il-mandat tiegħu bħala Membru tal-QEA. "Fir-rapport tagħna, aħna nosservaw li ċ-ċertezza legali li rriżultat naqqset il-livell ta' riskju finanzjarju għall-Unjoni Bankarja. Nipprovd u ħarsa ġenerali dettaljata lejn ir-riskji li jifdal, u nirrakkomandaw aktar titjib fil-monitoraġġ u fil-kalkolu tal-konsegwenzi finanzjarji possibbli."

Mir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular Español fl-2017 'il hawn, tressqet litigazzjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali f'għadd kbir ta' okkażjonijiet. Aktar kmieni din is-sena, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ċaħdet ħames kawżi ewlenin kontra d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni. Għalkemm preċedentement l-SRB kien ivvaluta l-probabbiltà li dawn il-kawżi jintilfu bħala waħda remota, iċ-ċaħda tal-kawżi li jikkontestaw id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni komplet tnaqqas ir-riskji finanzjarji għall-SRB. Għas-sena finanzjarja 2021, l-SRB ma rrapporta l-ebda obbligazzjoni kontinġenti relatata minn kwalunkwe kawża fil-livell tal-UE. L-awdituri ma sabu l-ebda evidenza li tkun tikkontradixxi din il-valutazzjoni. Għall-kawżi fil-livell nazzjonali, l-SRB jiddependi fuq ir-rappurtar imwettaq mill-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport annwali dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-SRM maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

awtorità ta' rizzoluzzjoni nazzjonali Spanjola. Madankollu, ir-rapportar rilevanti ġie riċevut wara li l-kontijiet tal-SRB kienu ngħalqu. Għall-kontijiet tal-2022, l-awdituri jirrakkomandaw li dan it-tip ta' informazzjoni tinġabar aktar kmieni u tiġi inkorporata fil-proċess.

Fir-rigward tal-litigazzjoni dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-banek lill-SRF, l-awdituri josservaw li, wara r-rakkomandazzjoni mir-rapport tal-awditjar tas-sena preċedenti, l-SRB ivvaluta mill-ġdid l-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati u rrapporta ammont sinifikattivament aktar baxx milli fl-2020. Għall-2021, l-SRB iddivulga obbligazzjonijiet kontinġenti ta' EUR 5.5 miljun relatati ma' 63 kawża legali fil-livell tal-UE, u ma ddivulga l-ebda obbligazzjoni relatata ma' proċedimenti nazzjonali, f'konformità ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li sabet li l-qrati nazzjonali ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jannullaw dawn id-deċiżjonijiet. Somma ta' EUR 2.55 miljun ġiet iddivulgata fil-kontijiet bħala kumpens possibbli għall-ispejjeż legali. L-awdituri jgħidu li jkun tajjeb li l-metodu użat biex jiġu kkwantifikati dawn l-ispejjeż jiġi rfinat, b'mod partikolari billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi ta' kawżi individwali. Barra minn hekk, ikun tajjeb li l-SRB itejjeb id-divulgazzjonijiet tiegħu dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti għal dawk il-kawżi fejn ir-riskju ta' żborż mill-Fond Uniku ta' Rizzoluzzjoni huwa vvalutat bħala "possibbli" iżda l-iskopertura finanzjarja ma tistax tiġi stmata b'mod affidabbli.

Informazzjoni ġenerali

Aktar minn 900 kawża amministrattiva u fil-qorti relatati mar-rizzoluzzjoni ta' Banco Popular Español jinsabu pendenti fil-livell nazzjonali. Fil-livell tal-UE, żewġ rikorsi li kienu qed jitolbu l-annullament tad-deċiżjonijiet ta' nuqqas ta' rizzoluzzjoni tal-SRB għal ABLV Bank ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali. Għal-litigazzjoni dwar in-nuqqas ta' rizzoluzzjoni ta' PNB Banka, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tistenna sakemm il-kawżi relatati kontra l-valutazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, li l-bank kien "qed ifalli jew probabbilment se jfalli", jilħqu l-istadju tad-deċiżjoni finali.

Hemm ukoll xi kawżi ġodda li l-konsegwenzi finanzjarji potenzjali tagħhom se jitqiesu biss għall-kontijiet tas-sena d-dieħla. It-tensjonijiet ġeopolitiċi wasslu għal deterjorament tas-sitwazzjoni tal-likwidità ta' Sberbank Europe AG (sjieda ta' Sberbank of Russia, li huwa bi sjieda maġġoritarja tal-Federazzjoni Russa) u tas-sussidjarji tiegħu fil-Kroazja u s-Slovenja, li tqiesu mill-BĊE bħala li "qed ifallu jew probabbilment se jfallu". Konsegwentement, l-SRB iddeċieda li jadotta skemi ta' rizzoluzzjoni. Sberbank Europe u Sberbank of Russia talbu l-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet billi ressqo proċedimenti kontra l-SRB, il-Kummissjoni u l-Kunsill.

Dan ir-rapport tal-awditjar jittratta esklussivament l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jinħolqu b'rizzultat tat-twettiq mill-SRB, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-kompiti tagħhom skont ir-Regolament dwar l-SRM għas-sena finanzjarja 2021. Huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547

Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502

Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu – M: (+352) 621 552 224